MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 576/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Justin Joseph Darmanin**

Il-Qorti

Rat l-impurazzjoni dedotta kontra Justin Joseph Darmanin, iben Stephen u Josephine nee Attard, imwieled Tal-Pieta' nhar it-30 t'April, 1986, residenti Tanamera, ta' Newma, Limita ta' Ħad-Dingli u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 203186(M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 t'Awwissu 2007 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data

Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-Dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontrioll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-27 ta' Novembru 2012 li biha, wara li l-Qorti tal-Maġistrati kkonsidrat id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li kienu deċiżi qabel il-każ 'Charles Stephen Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' tat-8 t'Ottubru, 2012, skartat l-istqarrijiet tal-imputat u illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.

Rat l-appell tal-Avukat Ġenerali ntavolat fit-12 ta' Diċembru 2012 li fih issottometta li l-Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljati tal-provi. Skont l-Avukat Ġenerali, l-appellat kellu jinstab ħati minħabba l-ammissjoni li kien għamel l-appellat fl-istqarrija tiegħu. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet skartat l-istqarrijiet tal-appellat. Il-fatti f''Salduz versus Turkey' kienu għal kollox differenti minn dawk ta' dan il-każ. L-istqarrijiet tal-appellat kienu magħmula b'mod liberu.

Il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati ma sarux fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali.'

L-Avukat Ġenerali ssottometta wkoll li l-fatt li persuna ma tkunx assistita minn avukat qabel jirrilaxxja stqarrija ma jimplikax awtomatikament leżjoni tad-dritt fundamentali. Oltre dan id-dritt għall-konsulenza ma' avukat kien għadu ma daħalx fis-seħħ u l-Pulizija wissiet lill-imputat /appellat li seta' ma jweġibx id-domandi. Għalhekk l-appellat seta' jagħżel li ma jweġibx. Fl-ebda moment ma kien ittrattat ħażin u kien assitit minn avukat waqt is-smigħ tal-proċeduri. L-appellat ma kienx minorenni meta għamel l-istqarrijiet. Il-Qorti kellha tara jekk n-nuqqas ta' konsulenza kienx ikkawża lill-appellat preġudizzju irrimedjabbli. Skont il-Kap 9 il-konfessjoni, magħmula ma' min magħmula, sakemm tkun saret b'mod ħieles għandha sservi bħal prova.

Għalhekk huwa talab ir-revoka tas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 2012 u ssib lill-appellat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

Fi ftit kliem l-aggravju uniku tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Qorti tal-Maġistrati ma jmissha qatt injorat l-istqarrijiet tal-appellat.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li mill-proċess jirriżulta li xehed l-Ispettur Pierre Grech li qal li kien hemm suspett li l-appellat kien għamel użu minn xi sustanza illegali. Huwa qal li l-appellat kien irrilaxxja żewġ stqarrijiet. Huwa kien ta l-avviż lill-appellat li seta' ma jweġibx għal dawn id-domandi. Fuq il-post l-appellat kien diġa' ammetta mal-pulizija li kien ħa xi ecstasy.

Fil-kontro-eżami l-Ispettur qal li l-appellat kien jidher orjentat. Min ikun 'total loss' jibagħtuh bl-ambulanza lejn l-isptar. Lill-appellat kienet arrestatu Surġent Maġġur.

Mill-istqarrijiet jirriżulta f'mumenti l-appellat jgħid li ma ħax droga. Imbagħad meta kien imfakkar li kien qal lill-ispettur kif ukoll lill-Pulizija oħra li l-appellat kien ħa ecstasy huwa qal: 'Veru dak li qed tgħidu intom u ntikom raġun.'

Iżda immedjatament wara jgħid li ma ħax. U fl-aħħar spiċċa hekk:

'Nixtieq ngħid li meta għidt li ħadt l-ecstasy, ma kontx naf x'ġara u x'kont qed nagħmel.'

Din l-istqarrija spiċċat fl-12.42.

It-tieni stqarrija bdiet erba' minuti wara. Din saret għaliex kien l-appellat stess li talab li jerġa' jkellem lill-ispettur. Din id-darba l-appellat qal lien ħa żewġ pilloli ecstasy. Hu kien akkwisthom b'xejn filgħaxija. Huwa qal ukoll li l-ewwl darba li ħ alp-ecstasy kien xi xahrejn qabel.

Xehed ukoll PC 760 Christopher Saliba li kien wieħed mix-xhieda tal-istqarrija. Huwa qal li qabel l-istqarrija l-appellat kien qal li hu kien ħa l-ecstasy (fol 18). Ix-xhud qal li l-Pulizija ma jeħdux stqarrija ta' persuni taħt l-influwenza tax-xorb. Min-naħa l-oħra l-appellat kien qed jgħid li hu kien taħt l-influwenza tal-alkoħol. Madankollu ma kienx jidher li l-appellat kien fis-sakra u ma ftakarx li l-appellat kellu xi riħa ta' alkoħol.

Skont verbal a fol 22 (3 ta’ Lulju 2012), id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrijiet minħabba li dan ma kellux assistenza legali.

Il-Prosekuzzjoni rribattiet li l-istqarrija ttieħdet fid-dawl tal-liġi viġenti dak iż-żmien.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett il-pożizzjoni dwar l-istqarrijiet tbiddlet minn dak li kien deċiż ‘Il-Pulizija kontra Alvin Privitera’Qorti Kostituzżjonali’ mis-sentenza ‘Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali’ ‘il quddiem. Fil-fatt fil-każ ‘Charles Stephen Muscat kontra l-Avukat Ġenerali’, deċiż fit-8 t’Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid dwar l-istqarrija magħmula minn akkużat mingħajr assistenza ta’ avukat:

‘ 26. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: “This right [to assistance by a lawyer] indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused”. Fil-każ tal-lum ma saret ebda allegazzjoni ta’ theddid, vjolenza jew abbuż.

27. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropea wkoll fl-istess każ ta’ Salduz osservat illi l-għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f’hekk, il-ġustizzja tal-proċess tkun kompromessa:

‘Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions.[10]»

28. Naraw issa kif dawn il-prinċipji jolqtu l-każ ta’ llum.

29. Fil-każ ta' llum l-attur kien raġel matur li ġa kien qiegħed jiskonta sentenza fil-faċilita korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija għamilha fis-7 ta' Awissu 2002 u kien ilu l-ħabs mill-1994. Kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilita hekk li faċilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Għalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal għal sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każijiet ta' Il-Pulizija v. Esron Pullicino[11], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera[12], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.

30. F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[13]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[14].

10 Salduz v. it-Turkija, para. 50 (enfasi miżjud).

11 Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.

12 Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.

13 Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.

14 Para. 78.

31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-liberta' fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni.

32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tal-lum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur

qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.

33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija talakkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati

bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew

b'theddid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.'

Il-Qorti Kostituzzjonali baqgħet issegwi din il-linja f'sentenzi oħra li ngħataw wara din is-sentenza.

Il-Qorti ser tapplika d-dottrina ta' din is-sentenza għall-każ ta' llum.

Min-naħa waħda l-appellat għandu fedina penali nadifa u jidher li din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu fil-headquarters tal-Pulizija. Xhud tal-Prosekuzzjoni li arrestat lill-appellat ma ttellgħetx tixhed.

Min-naħa l-oħra l-appellat ma kienx minorenni għax kellu 21 sena. Xhud tal-Prosekuzzjoni sema' lill-appellat jgħid lill-ispettur li l-appellat kien ħa l-ecstasy. U t-tieni stqarrija jidher li hija riżultat ta' talba magħmula mill-appellat stess biex issir tali stqarrija. Effettivament din saret erba' minuti biss wara li ntemmet l-ewwel waħda. Għalhekk m'hemmx dubju li l-istqarrijiet ingħataw bil-volonta' libera kollha tal-appellat speċjalment meta tqis li kien hu li talab li ssir it-tieni stqarrija.

Wara li l-Qorti wiżnet dan kollu, qed tiddeċiedi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tat każ tal-istqarrijiet tal-appellat.

Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-appellat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

Għalhekk, wara li rat 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31 u r-regolament 3 tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985 il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-27 ta' Novembru 2012 u minflok qed issib lill-appellat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih iżda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat fi żmien tliet xhur mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-appellat fi kliem sempliċi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------